MALTA

# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

# ONOR. IMĦALLEF

# LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-22 ta' Frar, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 1048/15LM

**Elizabeth Galea (KI 224862M) u Pierre Galea (KI 572162)**

**vs**

**Victor (KI 458747M) u Rose (KI 371147M) konjuġi Chetucti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-6 ta' Novembru, 2015 mill-atturi **Elizabeth Galea (KI 224862M) u Pierre Galea (KI 572162M)** (minn issa 'l quddiem "l-atturi") li jgħid hekk:

1. *Illi permezz ta' skrittura privata datata ħmistax ta' Mejju elfejn u erbatax (15/05/2014) (DOK A) l-attriċi selfet is-somma ta' tletin elf Euro (€30,000) lill-konvenuti għall-finijiet ta' kummerċ.*

2. *Illi skont l-istess skrittura, l-ammont misluf kellu jiġi ripagat f'terminu ta' sena mid-data ta' self u ċioè sal-erbatax ta' Mejju elfejn u ħmistax (14/05/2015).*

3. *Illi għalkemm debitament interpellati biex iħallsu huma baqgħu inadempjenti u għalhekk qed isir din il-kawża.*

4. *Illi l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talbiet tal-atturi.*

5. *Illi Pierre Galea jaf personalment bil-fatti kif esposti.*

*Għaldaqstant l-atturi qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja u mogħtija kull dikjarazzjoni u provvediment opportuni:*

1. *Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kap 12;*

2. *Tiddeċiedi u tiddikjara li l-ammont ta' €30,000 huwa dovut lill-atturi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' €30,000 lill-atturi.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata erbatax (14) ta' Settembru, 2015 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru*

*pprezentat flimkien ma' dan ir-rikors kontra l-konvenuti, minn issa inġunti in subizzjoni u bl-imgħaxijiet mid-data miftiehma tal-pagament sad-data tal-pagament effettiv skont l-iskrittura privata ta' bejn il-partijiet.*

Semgħet id-depożizzjoni tal-atturi (a fol. 22 u 23) fejn ikkonfermaw bil-ġurament li mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf il-konvenuti ma ħallsuhom xejn mill-kreditu dovut lilhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar, 2016 fejn, wara li aċċertat ruħha li l-konvenuti **Victor u Rose konjuġi Chetcuti** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") kienu debitament notifikati, dawn naqsu li jidhru għas-smigħ tal-kawża, għalhekk din il-Qorti ddikjarathom bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Jirriżulta li l-atturi ppruvaw il-pretensjonijiet tagħhom kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

**<u>Decide</u>**

**Fil-kontumaċja tal-konvenuti:**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi u dan billi:**

**(1) Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**(2) Tilqa' t-talba tal-atturi u tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-atturi fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000);**

**(3) Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-atturi l-ammont ta' tletin elf euro (€30,000).**

**Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata erbatax (14) ta' Settembru, 2015 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat flimkien mar-Rikors Maħluf kontra l-konvenuti, u bl-imgħaxijiet mill-14 ta' Mejju, 2015 sad-data tal-pagament effettiv.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------